**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 721/2023 GG**

**Marina Restaurants Limited C-40873**

**vs.**

**Frank Cachia (K.I nru 397657M)**

**Kawza Nru: 721/2023GG**

Illum 10 ta' Jannar 2024

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat tas-socjeta' Marina Restaurants (C-40873) ippreżentata quddiem din il-Qorti fis-7 ta' Lulju 2023 fis-segwenti premessi u talbiet:

1. Illi fl-20 ta' Jannar 2017, il-partijiet iffirmaw skrittura privata – kopja taghha hija hawn esibita u markata bhala Dokument A – li permezz taghha ikkoncediet "*the area of the premises at the Portomaso Complex and formerly known as "DO BRAZIL" underlying Block 16 comprises the area at level minus five measuring circa 75 square metres externally*" bl-intendiment illi l-istess facilitajiet jintuzaw "*exclusively for the operation of a restaurant serving Fusion Ethnic Cuisine trading under the name of Sharma Ethinic Cuisine*" u dan ghall-perijodu bejn l-01 ta' April 2017 sal-31 ta' Marzu 2022 u dan versu il-korrispettiv u taht il-kondizzjonijiet kollha elenkati fl-istess ftehim hawn esebit.

2. Illi il-konvenut hareg mill-fond in kwistjoni u irritorna il-fond lura lill-attrici izda kien ghad fadallu jaghti lill-socjeta` attrici is-somma ta' tlieta u erbghin elf sitt mija erba' u sittin Ewro u hmistax-il centezmu [€43,664. 15] (ara Dokument B statement dettaljat) li ghalkemm mitlub ihallas, avolja ammetta diversi drabi li sejjer ihallas u prometta li sejjer jaghmel hekk, sallum baqa; u ghadu inadempjenti.

3. Illi dan id-debitu huwa cert likwidu u dovut u l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti u ghalhekk il-kawza tista' tinqata' ai termini tal-artiklu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina il-Qorti ma ghandhiex (1) taqta' u tiddeciedi il-kawza ai termini tal-Artiklu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe' bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza (2) tikkundannah jhallas lill-socjeta` attrici l-ammont ta' €43,664. 15 - kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

5. Bl-imghax legali mid-data tal-presenti u bl-ispejjes komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru presentat kontestwalment mal-presenti kontra l-konvenut li minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat id-digriet taghha tal-1 t'Awissu, 2023 li bih appuntat il-kawza ghas-smigh ghas-seduta tas-26 ta' Settembru, 2023 fl-10.45 am ;

Rat illi l-konvenuta kienet finalment debitament notifikata bir-rikors gurament u bl-avviz ta' smigh u d-data ta' differiment skond ir-riferta' tal-Marixxall tal-Qorti tal-15 ta' Novembru, 2023;

Rat illi minkejja d-debita notifika tal-avviz ta' smigh, l-attur baqa' ma deherx ghall-udjenza ta' llum 10 ta' Jannar, 2024 sabiex jgharraf lill-Qorti jekk kellux xi eccezzjonijiet validi xi jressaq sabiex jikkontesta t-talbiet ghal-hlas imressqa mis-socjeta' rikorrenti wisq anqas ipprezentat nota fir-registru fit-termini tal-artikolu 170(1) tal-

Kapitolu 12 sabiex jattakka l-procedura intentata bhala wahda mhux regolari jew li ma tghoddx ghal kaz;

Rat illi l-konvenut, debitament notifikat naqas milli jidher.

Rat l-atti kompriz id-dokumenti esebiti;

**Ikkunsidrat:**

1. Illi permezz ta' affidavit ipprezentat mar-rikors mahluf, Alexander Ellul, direttur tas-socjeta' attrici ddikjara li l-konvenut ghandu jhallas is-somma ta' tlieta u erbghin elf sitt mija erba u sittin euro u hmistax-il centezmu (€43,664.15) rapprezentanti hlas ta' koncessjoni moghtija lilu ghal-gestjoni ta' restaurant. Flimkien ma' din id-dikjarazzjoni, hemm annessi dokumenti mis-socjeta' attrici in sostenn tat-talba taghha;

2. Illi l-konvenut qed jitqies bhala kontumaci bin-nuqqas ta' kontestazzjoni tal-pretensjonijiet tas-socjeta' rikorrenti liema pretensjonijiet huma sodisfacentement pruvati quddiem din il-Qorti fl-ammont ridott ta' €43,664.15;

3. Illi kwantu t-talba ghall-kundanna u hlas tal-imghax, s-socjeta' rikorrenti ma ressqet ebda prova ta' interpellanza permezz ta' att gudizzjarju u ghalhekk huwa r-rikors promutur li ghandu jitqies bhala l-att gudizzjarju rikjest mil-ligi ghal-fini ta' data minn meta jiskatta l-imghax dovut u fil-kaz odjern id-data tan-notifika ghandha

titiqies bhala d-data li fiha l-konvenut kien interpellat sabiex ihallas l-ammont pretiz;

**Decide:**

Ghalhekk ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

**Tilqa** l-ewwel talba tar-rikorrenti sabiex din il-Qorti tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa ta' smigh skond l-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta; u

**Tilqa'** t-tieni talba tas-socjeta' rikorrenti u b'hekk tiddikjara u tikkundanna lil-Frank Cachia (KI 397657M) ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Euro €43,664.15 bl-imghax bit-8 fil-mija fis-sena li jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tar-rikors mahluf, jigifieri mil-15 ta' Novembru 2023 sad data tal-hlas effettiv kif ukoll bl-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment;

**Tordna** wkoll li l-ispejjez kollha marbuta ma' dawn il-proceduri jithallsu kollha kemm huma mill-konvenut.

---

**Onor. Dr. Giovanni M Grixti**

**Imħallef**

**Nicole Cini**

**Deputat Reġistratur**